**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 228/17 AL

**Ab**
**Vs**
**Cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Settembru tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (12/09/1997) [Ara Dok. "A" hawn unit] u minn dan iz-zwieg kellhom tifel addottiv li illum ghandu 26 sena u jahdem;

Illi l-partijiet ilhom separati mill-2001 u kienu fil-fatt isseparaw legalment b' kuntratt datat 8 ta' Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella. [Ara Dok. "B" hawn unit];

Illi m'hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lil xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Settembru 1997 u dan ai termni tal-Art 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li in forza taghha hija tiddikjara :

Illi l-fatti dedotti fl-ewwel tlett paragrafi attrici ma humiex kontestati; izda jrid jinghad li t-tifel taghhom Nikolai fil-fatt ghandu erbgha u ghoxrin (24) sena;

Illi fil-fatt ghalkemm huwa minnu li l-partijiet kienu ffirmaw separazzjoni kontestwali, ir-rikorrenti A B **qatt ma hallas l-ammonti li wieghed li kien ser ihallas**, u cioe minkejja li fil-klawsola 14, AB wieghed u accetta "*li jhallas id-drittijiet notarili u spejjez tal-kuntratt, kif ukoll l-ispejjez li tista` tinkorri l-mara biex iccedi l-kawza ....*" l-istess AB qatt ma hallashom, dawn l-ispejjez jammontaw ghal cirka €2,500 kif jidher mid-dokument hawn anness bhala Dokument "A";

Illi fil-fatt l-esponenti kienet irrinunzjat ghad-dritt ta' manteniment li kien inghatalha permezz tad-digriet numru 1205/2001 unikament in konsiderazzjoni tal-fatt li r-rikorrenti AB kien wieghed li ser ihallas l-ammont fuq premess, liema ammont sallum ghadu ma thallas;

Illi ghalhekk il-fatti dikjarati fir-raba` paragrafu huma kontestati, ghaliex il-hlas li kellu jsir minn A B skont il-klawsola 14 kellu jsir flok il-manteniment u ghadu dovut sallum;

Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet :

L-esponenti ma toggezzjonax ghal hall taz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Settembru 1997, purke qabel xejn l-istess rikorrenti A B jissalda l-ammonti kollha minnu dovuti a tenur tal-klawsola 14 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Lulju, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Z u rat illi ir-rikorrenti ma opponix u il-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Gunju 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-

Registru Pubbliku. Il-Qorti tordna ukoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha sabiex l-intimata C B tirriverti ghal kunjom xbubitha Z;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.